PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2184(INI)

18.2.2009

EMENDI
1 - 100

Abbozz ta' rapport
Adina-Ioana Vălean
(PE418.397v01-00)

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu b'mod ħieles fit-territorju tal-Istati Membri
(2008/2184(INI))

AM_Com_NonLegReport

Emenda 1
Michael Cashman, Iliana Malinova Iotova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 3 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2003 dwar l-adozzjoni tal-miżuri dwar ir-ripatrijazzjoni tal-fdalijiet umani[1],
	[1] ĠU C 89 E, 14.4.2004, p. 162.

Or. en

Emenda 2
Roberta Angelilli, Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar iż-żjara f'ċentri ta' detenzjoni magħluqa għall-immigranti u dawk li jfittxu l-kenn fil-Belġju,	***imħassra***

Or. it

Emenda 3
Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat	***imħassra***

għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar iż-żjara f'ċentri ta' detenzjoni magħluqa għall-immigranti u dawk li jfittxu l-kenn fil-Belġju[1],

---

[1] PE404.465v02-00

Or. en

Emenda 4
Panayiotis Demetriou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 5 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar 2009 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/9/KE fl-Unjoni Ewropea li tistabilixxi l-istandards minimi biex jintlaqgħu r-refuġjati u dawk in-nies li jfittxu l-kenn: żjarat mill-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili 2005-2008[1],
	[1] Testi adottati, P6_TA(2009)0047.

Or. en

Emenda 5
Roberta Angelilli, Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensiment tar-Roma fuq bażi tal-etniċità fl-Italja, l-opinjoni tas-Servizzi Legali tiegħu dwar	***imħassra***

il-kompatibiltà tal-aggravazzoni ta' sanzjonijiet għaċ-ċittadini tal-UE li joqgħodu b'mod irregolari fi Stat Membru tal-UE, u r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar iż-żjara tad-delegazzjoni fl-Italja,

Or. it

Emenda 6
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensiment tar-Roma fuq bażi tal-etniċità fl-Italja, l-opinjoni tas-Servizzi Legali tiegħu dwar il-kompatibiltà tal-aggravazzoni ta' sanzjonijiet għaċ-ċittadini tal-UE li *joqgħodu* b'mod irregolari fi Stat Membru tal-UE, u r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar iż-żjara tad-delegazzjoni fl-Italja,	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensiment tar-Roma fuq bażi tal-etniċità fl-Italja, l-opinjoni tas-Servizzi Legali tiegħu dwar il-kompatibiltà tal-aggravazzoni ta' sanzjonijiet għaċ-ċittadini tal-UE li *joqogħdu* b'mod irregolari fi Stat Membru tal-UE, u r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar iż-żjara tad-delegazzjoni fl-Italja,

Or. en

Emenda 7
Panayiotis Demetriou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 8 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-abbozz ta' riżoluzzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu dwar il-problemi u l-prospetti taċ-ċittadinanza Ewropea,

Or. en

Emenda 8
Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea *għall-Ġustizzja* (ECJ) marbuta mal-moviment ħieles, bħall-kawżi C-127/08 (*il-kaz* Metock), C-33/07 (il-każ Jipa) u C-524/06 (il-każ Huber),	– wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea *tal-Ġustizzja* (ECJ) marbuta mal-moviment ħieles ***ta' persuni***, bħall-kawżi C-127/08 (*il-każ* Metock), C-33/07 (il-każ Jipa) u C-524/06 (il-każ Huber) ***dwar iċ-ċittadinanza Ewropea u l-moviment ħieles (ta' persuni)***,

Or. en

Emenda 9
Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 15 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-abbozz tar-rapport interim bit-titolu "Studju komparattiv dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu b'mod ħieles fit-territorju tal-Istati Membri" mitlub mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali tiegħu u ppreżentat mis-Servizz ta' Azzjoni taċ-Ċittadini Ewropej (ECAS);

Or. en

Emenda 10
Csaba Sógor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-moviment ħieles huwa inerenti ***għall-kunċett*** taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jirrappreżenta wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni rikonoxxuti bit-Trattati,	B. billi l-moviment ħieles huwa inerenti ***għall-kunċetti tad-drittijiet tal-bniedem u*** taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jirrappreżenta wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni rikonoxxuti bit-Trattati,

Or. hu

Emenda 11
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
billi l-moviment ħieles huwa inerenti għall-kunċett taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jirrappreżenta ***wieħed mid-drittijiet*** fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni rikonoxxuti bit-Trattati,	billi l-moviment ħieles huwa inerenti għall-kunċett taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jirrappreżenta ***waħda mil-libertajiet*** fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni rikonoxxuti bit-Trattati,

Or. en

Emenda 12
Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 64 tat-Trattat tal-KE, it-Trattati ma jaffettwawx l-eżerċizzju tar-responsabilitajiet tal-Istati Membri rigward iż-żamma tal-liġi u l-ordni u s-

salvagwardja tas-sigurtà interna,

Or. it

Emenda 13
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi tali djalogu ppermetta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi emendata sa ċertu punt biex issir konformi mal-leġiżlazzjoni tal-KE,	H. billi tali djalogu ppermetta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi emendata sa ċertu punt biex issir konformi mal-leġiżlazzjoni tal-KE,

Or. en

Emenda 14
Roberta Angelilli, Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi skont ir-Rapport tal-Kummissjoni, ***it-traspożizzjoni ġenerali tad-Direttiva 2004/38/KE hija kemmxejn diżappuntanti, minħabba li l-ebda Stati Membru ma traspona d-Direttiva sħiħa b'mod effettiv u korrett u, barra minn hekk, lanqas Artikolu wieħed biss tad-Direttiva ma ġie traspost b'mod effettiv u korrett mill-Istati Membri kollha, u billi, b'mod partikolari minħabba li tal-inqas f'għoxrin Stat Membru, l-inkorrettezza tat-traspożizzjoni tikkonċerna dispożizzjonijiet kruċjali tad-Direttiva***,	I billi skont ir-Rapport tal-Kummissjoni, ***l-Istati Membri naqsu milli jittrasponu d-Direttiva 2004/38/KE b'mod sħiħ u preċiż***,

Or. it

Emenda 15
Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I billi skont ir-Rapport tal-Kummissjoni, it-traspożizzjoni ġenerali tad-Direttiva 2004/38/KE hija ***kemmxejn*** diżappuntanti, minħabba li l-ebda *Stati* Membru ma traspona d-Direttiva sħiħa b'mod effettiv u korrett u, barra minn hekk, lanqas Artikolu wieħed biss tad-Direttiva ma ġie traspost b'mod effettiv u korrett mill-Istati Membri kollha, ***u billi, b'mod partikolari minħabba li tal-inqas f'għoxrin Stat Membru, l-inkorrettezza tat-traspożizzjoni tikkonċerna dispożizzjonijiet kruċjali tad-Direttiva,***	I billi skont ir-Rapport tal-Kummissjoni, it-traspożizzjoni ġenerali tad-Direttiva 2004/38/KE hija diżappuntanti, minħabba li l-ebda *Stat* Membru ma traspona d-Direttiva sħiħa b'mod effettiv u korrett u, barra minn hekk, lanqas Artikolu wieħed biss tad-Direttiva ma ġie traspost b'mod effettiv u korrett mill-Istati Membri kollha,

Or. en

Emenda 16
Renate Weber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J billi r-rapport tal-Kummissjoni jidentifika, fost ħafna affarijiet oħra, żewġ forom ewlenin ta' ksur persistenti tad-drittijiet ***qofol*** taċ-ċittadini tal-Unjoni, u b'mod partikolari d-dritt għad-dħul u r-residenza ta' membri tal-familja minn pajjiż terz u l-ħtieġa li ċittadini tal-Unjoni jissottomettu dokumenti oħra, li mhumiex imniżżla fid-Direttiva 2004/38/KE, mal-applikazzjonijiet tagħhom għar-residenza,	J billi r-rapport tal-Kummissjoni jidentifika, fost ħafna affarijiet oħra, żewġ forom ewlenin ta' ksur persistenti tad-drittijiet ***kruċjali*** taċ-ċittadini tal-Unjoni, u b'mod partikolari d-dritt għad-dħul u r-residenza ta' membri tal-familja minn pajjiż terz u l-ħtieġa li ċittadini tal-Unjoni jissottomettu dokumenti oħra, ***bħal permessi tax-xogħol u evidenza ta' akkomodazzjoni sodisfaċenti,*** li mhumiex imniżżla fid-Direttiva 2004/38/KE, mal-applikazzjonijiet tagħhom għar-residenza,

Or. en

Emenda 17
Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K billi l-Kummissjoni ***kellha tressaq dsatax-il proċedura ta' ksur, kontra Stati Membri għan-nuqqas ta' komunikazzjoni tagħhom dwar miżuri ta' implimentazjoni nazzjonali, li ngħalqu sussegwentement; billi*** s'issa ***huwa rċieva*** aktar minn 1 800 ilment individwali, 40 mistoqsija mill-Parlament u 33 petizzjoni, u li fuq bażi ta' dawn ***huwa rreġistra*** *115-il* ***ilment*** u ***ressaq*** 5 proċeduri ta' ksur għall-applikazzjoni inkorretta tad-Direttiva 2004/38/KE,	K billi l-Kummissjoni s'issa ***rċeviet*** aktar minn 1 800 ilment individwali, 40 mistoqsija mill-Parlament u 33 petizzjoni, u li fuq bażi ta' dawn ***irreġistrat*** *115-il* ilment u ***ressqet*** 5 proċeduri ta' ksur għall-applikazzjoni inkorretta tad-Direttiva 2004/38/KE,

Or. en

Emenda 18
Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi s-Servizz Legali tal-Parlament, li ġie kkonsultat mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar dan is-suġġett, ikkonkluda ***li l-leġiżlazzjoni nazzjonali, f'każ ta' ċirkostanza aggravanti marbuta ma' offiża kriminali mwettqa minn ċittadin tal-Unjoni, li diġà kien joqgħod illegalment fi Stat Membru ieħor, ma tikkonformax mal-liġi*** Komunitarja,	O. billi s-Servizz Legali tal-Parlament, li ġie kkonsultat mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar dan is-suġġett, ikkonkluda ***li d-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi*** Komunitarja ***jmorru kontra l-leġiżlazzjoni nazzjonali u dan jitqies bħala ċirkostanza ġenerali aggravanti marbuta ma' reat jew offiża biex il-persuna in kwistjoni tkun ċittadina ta' Stat Membru li tkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor b'mod illegali***,

Or. it

Emenda 19
Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P - inċiż 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– persuna li mhix ċittadina tal-Komunità li tkun ir-raġel jew il-mara ta' ċittadin tal-Unjoni, li takkompanja lil jew tingħaqad ma' dan iċ-ċittadin tista' tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, *irrespettivament* minn meta u fejn sar iż-żwieġ tagħhom u ***minn kif ir-raġel jew il-mara daħlu fl-Istat Membru ospitanti***,	– persuna li mhix ċittadina tal-Komunità li tkun ir-raġel jew il-mara ta' ċittadin tal-Unjoni, li takkompanja lil jew tingħaqad ma' dan iċ-ċittadin tista' tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, *irrispettivament* minn meta u fejn sar iż-żwieġ tagħhom u ***mingħajr il-ħtieġa ta' residenza legali preċedenti***[1],
	[1] Il-każ Metock

Or. en

Emenda 20
Gérard Deprez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi skont ir-rapport minn delegazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern li żaret ċentri ta' detenzjoni magħluqa għall-immigranti illegali fil-Belġju, iċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jinżammu fil-Belġju fuq bażi ta' ksur amministrattiv sempliċi, u għadd ta' ċittadini tal-Unjoni jinżammu f'ċentri ta' detenzjoni għall-immigranti illegali,	***imħassra***

Or. fr

Emenda 21
Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi skont ir-rapport minn delegazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern li żaret ċentri ta' detenzjoni magħluqa għall-immigranti illegali fil-Belġju, iċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jinżammu fil-Belġju fuq bażi ta' ksur amministrattiv sempliċi, u għadd ta' ċittadini tal-Unjoni jinżammu f'ċentri ta' detenzjoni għall-immigranti illegali,	***imħassra***

Or. en

Emenda 22
Alfredo Antoniozzi, Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi, fuq bażi tal-informazzjoni miġbura, partikolarment mit-tweġibiet tal-parlamenti nazzjonali għall-kwestjonarju tal-Parlament, li sfortunatament mhix eżawrjenti u ma tkoprix l-Istati Membri kollha, u barra mir-Rapport tal-Kummissjoni, il-kwistjonijiet ewlenin, li ġejjin, kienu identifikati ***bħala problematiċi***:	S. billi, fuq bażi tal-informazzjoni miġbura, partikolarment mit-tweġibiet tal-parlamenti nazzjonali għall-kwestjonarju tal-Parlament, li sfortunatament mhix eżawrjenti u ma tkoprix l-Istati Membri kollha, u barra mir-Rapport tal-Kummissjoni, il-kwistjonijiet ewlenin, li ġejjin, kienu identifikati:

Or. en

Emenda 23
Alfredo Antoniozzi, Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– l-interpretazzjoni ***restrittiva*** mill-Istati Membri tal-idea ta' "membru tal-familja" (Artikolu 2), ta' "kwalunkwe membru ieħor tal-familja" u ta' "sieħeb/sieħba" (Artikolu 3), b'mod partikolari f'rabta ma' sieħba tal-istess sess, u ***dritt*** tagħhom għall-moviment ħieles skont id-Direttiva 2004/38/KE,	– l-interpretazzjoni mill-Istati Membri tal-idea ta' "membru tal-familja" (Artikolu 2), ta' "kwalunkwe membru ieħor tal-familja" u ta' "sieħeb/sieħba" (Artikolu 3), b'mod partikolari f'rabta ma' sieħba tal-istess sess, u ***d-dritt*** tagħhom għall-moviment ħieles skont id-Direttiva 2004/38/KE,

Or. en

Emenda 24
Roberta Angelilli, Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– l-interpretazzjoni ***restrittiva*** mill-Istati Membri tal-idea ta' "membru tal-familja" (Artikolu 2), ta' "kwalunkwe membru ieħor tal-familja" u ta' "sieħeb/sieħba" (Artikolu 3), ***b'mod partikolari f'rabta ma' sieħba tal-istess sess, u dritt tagħhom għall-moviment ħieles skont id-Direttiva 2004/38/KE,***	– l-interpretazzjoni mill-Istati Membri tal-idea ta' "membru tal-familja" (Artikolu 2), ta' "kwalunkwe membru ieħor tal-familja" u ta' "sieħeb/sieħba" (Artikolu 3),

Or. it

Emenda 25
Roberta Angelilli, Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni S - inċiż 1 - nota tal-qiegħ

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[1] CY, PL u SK ma jirrikonoxxux żwiġijiet bejn nies tal-istess sess bħalaraġuni biex jingħataw drittijiet tal-moviment ħieles, PL u SK ma jirrikonoxxux sħubija reġistrata, anke jekk huma ċċertifikati fi Stat Membru ieħor; f'dan ir-rigward l-informazzjoni ngħatat mill-Kummissjoni, il-FRA u l-NGOs juru aktar inċertezza legali fuq din il-kwistjoni; l-Italja ma tirrikonoxxix id-drittijiet tal-moviment ħieles ta' koppji tal-istess sess għal raġuni ta' politika pubblika; hemm tendenza ġenerali kontra r-rikonoxximent tal-tielet/ ir-raba' konjugu.	***imħassra***

Or. it

Emenda 26
Alfredo Antoniozzi, Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 1 - nota tal-qiegħ

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[1] CY, PL u SK ma jirrikonoxxux żwiġijiet bejn nies tal-istess sess bħalaraġuni biex jingħataw drittijiet tal-moviment ħieles, PL u SK ma jirrikonoxxux sħubija reġistrata, anke jekk huma ċċertifikati fi Stat Membru ieħor; f'dan ir-rigward l-informazzjoni ngħatat mill-Kummissjoni, il-FRA u l-NGOs juru aktar inċertezza legali fuq din il-kwistjoni; l-Italja ma tirrikonoxxix id-drittijiet tal-moviment ħieles ta' koppji tal-istess sess għal raġuni ta' politika pubblika; hemm tendenza ġenerali kontra r-rikonoxximent tal-tielet/ ir-raba' konjugu.	***imħassra***

Or. en

Emenda 27
Alfredo Antoniozzi, Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– piżijiet *amministtiv* ***mhux ġustifikati*** jiġu imposti fir-rigward tad-dħul u r-residenza ta' membri tal-familja minn pajjiżi terzi,	– piżijiet *amministrattivi* ***bla bżonn*** jiġu imposti fir-rigward tad-dħul u r-residenza ta' membri tal-familja minn pajjiżi terzi,

Or. en

Emenda 28
Roberta Angelilli, Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni S - inċiż 2 - nota tal-qiegħ

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[1] Diversi lmenti u petizzjonijiet indirizzati lill-Istituzzjonijiet tal-UE jenfasizzaw li xi Stati Membri ħassewha bi tqila biex jirrikonoxxu għalkollox id-drittijiet tagħhom lill-membri tal-familja ġejjin minn pajjiżi terzi; pereżempju, il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, tal-Litwanja u tal-Polonja tipprekludi membru tal-familja li ġej minn pajjiż barra l-UE milli jidħol bla viża.	***imħassra***

Or. it

Emenda 29
Alfredo Antoniozzi, Urszula Gacek,

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– l-interpretazzjoni mill-Istati Membri ta' "riżorsi suffiċjenti" skont l-Artikolu 7(1)(b)	– l-interpretazzjoni mill-Istati Membri ta' "riżorsi suffiċjenti" skont l-Artikolu 7(1)(b)

tad-Direttiva 2004/38/KE ħafna drabi mhijiex ċara ***u faċli***, minħabba li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jitolbu li tingħata prova ta' riżorsi suffiċjenti; l-idea ta' "piż mhux raġonevoli għas-sistema ta' għajnuna soċjali tal-Istat Membru ospitanti" u jekk u f'liema każijiet id-deċiżjoni favur it-tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun sar ta' piż mhux ġustifikat (l-Artikolu 14, premessa 10) hija inċerta f'ħafna *Istati Membriwkoll*,	tad-Direttiva 2004/38/KE ħafna drabi mhijiex ċara, minħabba li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jitolbu li tingħata prova ta' riżorsi suffiċjenti; l-idea ta' "piż mhux raġonevoli għas-sistema ta' għajnuna soċjali tal-Istat Membru ospitanti" u jekk u f'liema każijiet id-deċiżjoni favur it-tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun sar ta' piż mhux ġustifikat (l-Artikolu 14, premessa 10) hija inċerta f'ħafna *Stati Membri wkoll*,

Or. en

Emenda 30
Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– l-interpretazzjoni mill-Istati Membri ta' "riżorsi suffiċjenti" skont l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38/KE ħafna drabi mhijiex ċara ***u faċli, minħabba li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jitolbu li tingħata prova ta' riżorsi suffiċjenti***; l-idea ta' "piż mhux raġonevoli għas-sistema ta' għajnuna soċjali tal-Istat Membru ospitanti" u jekk u f'liema każijiet id-deċiżjoni favur it-tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun sar ta' piż mhux ġustifikat (l-Artikolu 14, premessa 10) hija inċerta f'ħafna *Istati Membriwkoll*,	– l-interpretazzjoni mill-Istati Membri ta' "riżorsi suffiċjenti" skont l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 2004/38/KE ħafna drabi mhijiex ċara; l-idea ta' "piż mhux raġonevoli għas-sistema ta' għajnuna soċjali tal-Istat Membru ospitanti" u jekk u f'liema każijiet id-deċiżjoni favur it-tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun sar ta' piż mhux ġustifikat (l-Artikolu 14, premessa 10) hija inċerta f'ħafna *Stati Membri wkoll*,

Or. it

Emenda 31
Alfredo Antoniozzi, Urszula Gacek,

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 3 - nota tal-qiegħ

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[1] Diversi lmenti u petizzjonijiet indirizzati lill-Istituzzjonijiet tal-UE jenfasizzaw li xi Stati Membri ħassewha bi tqila biex jirrikonoxxu għalkollox id-drittijiet tagħhom lill-membri tal-familja ġejjin minn pajjiżi terzi; pereżempju, il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, tal-Litwanja u tal-Polonja tipprekludi membru tal-familja li ġej minn pajjiż barra l-UE milli jidħol bla viża.	***imħassra***

Or. en

Emenda 32
Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
- l-interpretazzjoni mill-Istati Membri tal-fraži "raġunijiet serji/imperattivi ta' politika u sigurtà pubblika" u f'liema każ u *għal-liema* raġuni tista' tiġi ġustifikata l-ordni ta' tkeċċija (l-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva) *jvarjaw* minn Stat Membru għal ieħor***,*** mhumiex ċari ***u jistgħu jwasslu għal abbuż (immirat għaċ-ċittadini ta' xi Stat Membru) jew huma ta'konformità dubjuża mad-Direttiva (pereżempju, il-mekkaniżmu ta' tkeċċija awtomatika),***	- l-interpretazzjoni mill-Istati Membri tal-fraži "raġunijiet serji/imperattivi ta' politika u sigurtà pubblika" u f'liema każ u *għal liema* raġuni tista' tiġi ġustifikata l-ordni ta' tkeċċija (l-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva) *ivarjaw* minn Stat Membru għal ieħor ***u*** mhumiex ċari,

Or. it

Emenda 33
Alfredo Antoniozzi, Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 4 - nota tal-qiegħ

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[1] Pereżempju, l-Artikolu 235 tal-kodiċi kriminali Taljana jistabbilixxi t-tkeċċija ta' dawk li mhumiex ċittadini u huma kkundannati għal sentejn priġunerija jew aktar.	***imħassra***

Or. en

Emenda 34
Roberta Angelilli, Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni S - inċiż 4 - nota tal-qiegħ

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[1] Pereżempju, l-Artikolu 235 tal-kodiċi kriminali Taljana jistabbilixxi t-tkeċċija ta' dawk li mhumiex ċittadini u huma kkundannati għal sentejn priġunerija jew aktar.	***imħassra***

Or. it

Emenda 35
Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
- ċittadini tal-Unjoni ***ħafna drabi*** jintalbu jissottomettu, lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti, dokumenti ***oħra mhux ġustifikati u mhux imniżżla fid-Direttiva 2004/38/KE***,	- ċittadini tal-Unjoni jintalbu jissottomettu, lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti, dokumenti ***li jagħtu evidenza ta' impjieg leċitu u, b'hekk, li r-riżorsi tagħhom ikunu nkisbu b'mod legali, karti tal-identità, applikazzjoni għal reġistrazzjoni mal-awtoritajiet u ċertifikat mill-uffiċċju tar-reġistru kriminali***,

Or. it

Emenda 36
Alfredo Antoniozzi, Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– ċittadini tal-Unjoni ħafna drabi jintalbu jissottomettu, lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti, dokumenti oħra ***mhux ġustifikati u*** mhux imniżżla fid-Direttiva 2004/38/KE,	– ċittadini tal-Unjoni ħafna drabi jintalbu jissottomettu, lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti, dokumenti oħra mhux imniżżla fid-Direttiva 2004/38/KE,

Or. en

Emenda 37
Alfredo Antoniozzi, Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 5 - nota tal-qiegħ

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[1] F'xi każijiet (il-Greċja), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistaqsu bil-liġi nazzjonali għar-rekord kriminali ta' ċittadin tal-UE li japplika għal reġistrazzjoni, filwaqt li fi Stati Membri oħra (pereżempju fi Spanja u fil-Belġju) jinħarġu karti tal-identita speċjali u karti tar-residenza għal ċittadini ta' Stati Membri oħra; F'xi Stati Membri (ES) barra miċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, iċ-ċittadini tal-UE jingħataw Numru tal-Identità Barrani li huwa meħtieġ biex wieħed jaħdem jew jirreġistra fis-sistema tas-sigurtà soċjali; fl-Italja, iċ-ċittadini tal-UE jeħtieġu li jagħtu prova tal-"legalità" tar-riżorsi tagħhom.	***imħassra***

Or. en

Emenda 38
Roberta Angelilli, Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S - inċiż 5 - nota tal-qiegħ

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[1] F'xi każijiet (il-Greċja), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistaqsu bil-liġi nazzjonali għar-rekord kriminali ta' ċittadin tal-UE li japplika għal reġistrazzjoni, filwaqt li fi Stati Membri oħra (pereżempju fi Spanja u fil-Belġju) jinħarġu karti tal-identita speċjali u karti tar-residenza għal ċittadini ta' Stati Membri oħra; F'xi Stati Membri (ES) barra miċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, iċ-ċittadini tal-UE jingħataw Numru tal-Identità Barrani li huwa meħtieġ biex wieħed jaħdem jew jirreġistra fis-sistema tas-sigurtà soċjali; fl-Italja, iċ-ċittadini tal-UE jeħtieġu li jagħtu prova tal-"legalità" tar-riżorsi tagħhom.	***imħassra***

Or. it

Emenda 39
Ignasi Guardans Cambó

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sa. Billi f'ċerti Stati Membri hemm differenzi sinifikanti fid-dokumenti tal-identità bejn iċ-ċittadini tal-pajjiż u ċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor, li jsibuha bi tqila biex jippruvaw li huma ċittadini Ewropej residenti f'dak il-pajjiż, li fil-verità jfixkel l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom u l-integrazzjoni tagħhom fil-ħajja soċjali u tax-xogħol,

Or. es

Emenda 40
Csaba Sógor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa T

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
T. billi t-traspożizzjoni fqira ħafna mill-Istati Membri tad-Direttiva li timplimenta l-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE għandha tkun ikkundannata bil-kbir u billi tali sitwazzjoni tirriżulta, jekk mhux ***fit-tnaqqis*** fl-importanza tad-Direttiva ***stess,*** f'nuqqas sostanzjali tal-applikazzjoni ta' wieħed mid-drittijiet ewlenin li fuqhom hija bbażata l-UE u li huma mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni bit-Trattati,	T. billi t-traspożizzjoni fqira ħafna mill-Istati Membri tad-Direttiva li timplimenta l-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE għandha tkun ikkundannata bil-kbir u billi tali sitwazzjoni tirriżulta, jekk mhux ***fl-effikaċja u fil-ħtieġa tat-tnaqqis*** fl-importanza tad-Direttiva stess, f'nuqqas sostanzjali tal-applikazzjoni ta' wieħed mid-drittijiet ewlenin li fuqhom hija bbażata l-UE u li huma mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni bit-Trattati,

Or. hu

Emenda 41
Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa T

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
T. billi t-traspożizzjoni fqira ***ħafna*** mill-Istati Membri tad-Direttiva li timplimenta l-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE għandha tkun ikkundannata ***bil-kbir*** u billi tali sitwazzjoni tirriżulta, jekk mhux fit-tnaqqis fl-importanza tad-Direttiva stess, f'nuqqas ***sostanzjali*** tal-applikazzjoni ta' wieħed mid-drittijiet ewlenin li fuqhom hija bbażata l-UE u li huma mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni bit-Trattati,	T. billi t-traspożizzjoni fqira mill-Istati Membri tad-Direttiva li timplimenta l-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE għandha tkun ikkundannata u billi tali sitwazzjoni tirriżulta, jekk mhux fit-tnaqqis fl-importanza tad-Direttiva stess, f'nuqqas tal-applikazzjoni ta' wieħed mid-drittijiet ewlenin li fuqhom hija bbażata l-UE u li huma mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni bit-Trattati,

Or. en

Emenda 42
Roberta Angelilli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa T

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
T. billi t-traspożizzjoni fqira ***ħafna*** mill-Istati Membri tad-Direttiva li timplimenta l-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE ***għandha tkun ikkundannata bil-kbir u billi tali sitwazzjoni tirriżulta, jekk mhux fit-tnaqqis fl-importanza tad-Direttiva stess,*** f'nuqqas sostanzjali tal-applikazzjoni ta' wieħed mid-drittijiet ewlenin li fuqhom hija bbażata l-UE u li huma mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni bit-Trattati,	T. billi t-traspożizzjoni fqira mill-Istati Membri tad-Direttiva li timplimenta l-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE ***jdgħajjef lid-Direttiva*** stess, ***u billi din is-sitwazzjoni tirriżulta*** f'nuqqas sostanzjali tal-applikazzjoni ta' wieħed mid-drittijiet ewlenin li fuqhom hija bbażata l-UE u li huma mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni bit-Trattati,

Or. it

Emenda 43
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa T a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ta. billi skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2008 (COM(2008)0765) dwar 'l-impatt tal-moviment ħieles tal-ħaddiema fil-kuntest tat-tkabbir tal-UE', tul l-ewwel fażi (1 ta' Jannar 2007 – 31 ta' Diċembru 2008) tal-arranġamenti tranżizzjonali, il-ħaddiema mobbli mill-pajjiżi li ssieħbu fl-UE fl-2004 u fl-2007 kellhom impatt pożittiv fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri,

Or. en

Emenda 44
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa T b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Tb. billi l-erba' Stati Membri tal-UE-15 ma fetħux is-swieq tax-xogħol tagħhom għall-ħaddiema mill-Istati Membri tal-UE-8[1],
	[1] Mill-erba' Stati Membri li jibqa', l-Awstrija tapplika proċeduri simplifikati għal 65 professjoni kif ukoll eżenzjonijiet mill-permess tax-xogħol u rekwiżiti ta' testijiet tas-suq tax-xogħol għal 3 professjonijiet oħra. Il-Belġju daħħal proċedura mgħaġġla għal xogħlijiet fi professjonijiet li għalihom hemm nuqqas ta' ħaddiema, id-Danimarka ma teħtieġx permess tax-xogħol għal impjieg kopert minn ftehimiet kollettivi, u l-Ġermanja teżenta ċerti inġiniera kwalifikati milli jagħmlu t-test tas-suq tax-xogħol.

Or. en

Emenda 45
Marian-Jean Marinescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa T c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Tc. billi ħdax-il Stat Membru[1] nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom biex ikomplu japplikaw restrizzjonijiet fis-swieq tax-xogħol tagħhom rigward ċittadini mir-Rumanija u mill-Bulgarija, mill-1 ta' Jannar 2009,
	[1] L-Italja se tkompli tapplika

restrizzjonijiet għar-Rumanija u għall-Bulgarija għal sena oħra, il-Gran Brittanja, l-Irlanda, il-Ġermanja, l-Awstrija, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Belġju, Franza, Malta għal tliet snin oħra, id-Danimarka se tieqaf tapplika r-restrizzjonijet mill-1 ta' Mejju 2009; fost l-Istati Membri li għadhom ma neħħewx ir-restrizzjonijiet tagħhom, il-miżuri nazzjonali varji jirriżultaw f'reġimi legali differenti għall-aċċess għas-swieq tax-xogħol. L-Awstrija, il-Belġju, il-Lussemburgu japplikaw simplifikazzjonijiet, li jikkonsistu minn proċeduri mgħaġġla jew issimplifikati għal eżenzjoni mit-testijiet tas-suq tax-xogħol meta joħorġu l-permessi tax-xogħol (l-Awstrija, Franza, il-Ġermanja) għal eżenzjoni mill-ħtieġa tal-permess tax-xogħol għal xogħlijiet f'ċerti setturi jew b'ċerti kundizzjonijiet (id-Danimarka, l-Italja).

Or. en

Emenda 46
Csaba Sógor

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jitlob lill-Istati Membri biex jirrispettaw l-intenzjoni wara l-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE u l-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li tagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni d-dritt *fundamental* għall-moviment ħieles, billi jimplimentaw id-Direttiva 2004/38/KE ***bħala kwistjoni ta' urġenza***, ***u*** jirrivedu mingħajr dewmien il-prattiki leġiżlattivi u amministrattivi li jmorru kontra l-liġi tal-UE, b'mod partikolari fuq bażi tar-Rapport tal-Kummissjoni u tal-ġurisprudenza tal-ECJ;	1. Jitlob lill-Istati Membri biex jirrispettaw l-intenzjoni wara l-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE u l-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li tagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni d-dritt *fundamentali* għall-moviment ħieles, billi jimplimentaw id-Direttiva 2004/38/KE ***b'mod sħiħ***, ***u*** jirrivedu ***u jimmodifikaw*** mingħajr dewmien il-prattiki leġiżlattivi u amministrattivi li jmorru kontra l-liġi tal-UE, b'mod partikolari fuq bażi tar-Rapport tal-Kummissjoni u tal-ġurisprudenza tal-ECJ;

Or. hu

Emenda 47
Roberta Angelilli, Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1 a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-fatt li skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 18 u 64 tat-Trattat KE, l-Istati Membri jżommu d-dritt li jeżerċitaw ir-responsabilitajiet tagħhom rigward iż-żamma tal-liġi u l-ordni kif ukoll is-salvagwardja tas-sigurtà interna,

Or. it

Emenda 48
Alfredo Antoniozzi, Urszula Gacek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod sħiħ ***id-drittijiet mogħtija*** skont *l- Artikolu* 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, ***mhux biss lill-konjuġi ta' sess differenti, imma wkoll lil sieħba reġistrati,*** membri li jgħixu fl-istess dar u sieħba, ***inklużi koppji tal-istess sess u irrispettivament minn nazzjonalità, fuq bażi tal-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku, l-ugwaljanza,in-nuqqas ta' deskriminazzjoni, id-dinjità, il-ħajja privata u tal-familja;*** f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida stretti, ***barra minn hekk tirreferi għall-analiżi u l-konklużjonijiet imniżżla fir-rapport tal-Aġenzija tad-Drittijiet***	2. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod sħiħ ***ir-regoli stipulati*** skont *l-Artikolu* 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, ***u biex bħala Stati Membri ospitanti jiffaċilitaw, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat ospitanti, il-moviment ħieles ta'*** membri ***oħra*** li jgħixu fl-istess dar u sieħba ***reġistrati li mhumiex koperti mil-lista ta' definizzjonijiet fl-Artikolu 2;*** f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida stretti;"

Fundamentali;

Or. en

Emenda 49
Panayiotis Demetriou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2.Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod sħiħ id-drittijiet mogħtija skont *l- Artikolu* 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, mhux biss lill-konjuġi ta' sess differenti, imma wkoll lil sieħba reġistrati, membri li jgħixu fl-istess dar u sieħba, inklużi koppji tal-istess sess ***u*** irrispettivament *minn nazzjonalità*, *fuq bażi* tal-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku, l-ugwaljanza,in-nuqqas ta' *deskriminazzjoni*, id-dinjità, il-ħajja privata u tal-familja; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida stretti, barra minn hekk tirreferi għall-analiżi u l-konklużjonijiet imniżżla fir-rapport tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali;	2.Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod sħiħ id-drittijiet mogħtija skont *l-Artikolu* 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, mhux biss lill-konjuġi ta' sess differenti, imma wkoll lil sieħba reġistrati, membri li jgħixu fl-istess dar u sieħba, inklużi koppji tal-istess sess ***magħrufa mill-Istat Membru,*** irrispettivament *min-nazzjonalità*, ***u bla ħsara għan-nuqqas ta' għarfien tagħhom minn Stat Membru ieħor,*** *fuq il-bażi* tal-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku, l-ugwaljanza, in-nuqqas ta' *diskriminazzjoni*, id-dinjità, il-ħajja privata u tal-familja; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida stretti, barra minn hekk tirreferi għall-analiżi u l-konklużjonijiet imniżżla fir-rapport tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali;

Or. en

Emenda 50
Sophia in 't Veld

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod sħiħ id-drittijiet	2. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod sħiħ id-drittijiet

mogħtija skont *l- Artikolu* 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, mhux biss lill-konjuġi ta' sess differenti, imma wkoll lil sieħba reġistrati, membri li jgħixu fl-istess dar u sieħba, ***inklużi koppji tal-istess sess*** u irrispettivament *minn nazzjonalità*, fuq *bażi tal-prinċipju* tar-rikonoxximent reċiproku, l-ugwaljanza,in-nuqqas ta' *deskriminazzjoni*, id-dinjità, il-ħajja privata u tal-familja; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida stretti, barra minn hekk tirreferi għall-analiżi u l-konklużjonijiet imniżżla fir-rapport tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali;	mogħtija skont *l-Artikolu* 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, mhux biss lill-konjuġi ta' sess differenti, imma wkoll lil ***konjuġi tal-istess sess kif ukoll lil*** sieħba reġistrati ***tal-istess sess jew ta' sess differenti***, membri li jgħixu fl-istess dar u sieħba, inklużi koppji tal-istess sess u irrispettivament *min-nazzjonalità*, fuq *il-bażi tal-prinċipji* tar-rikonoxximent reċiproku, l-ugwaljanza, in-nuqqas ta' *diskriminazzjoni*, id-dinjità, il-ħajja privata u tal-familja; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida stretti, ***u*** barra minn hekk tirreferi għall-analiżi u l-konklużjonijiet imniżżla fir-rapport tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali ***dwar l-omofobija u dwar is-sottomissjonijiet ta' sieħba soċjali rilevanti, b'mod speċjali mmirati biex jiċċaraw (i) f'liema ċirkustanzi l-Istati Membri jistgħu jeskludu d-drittijiet mogħtija mid-Direttiva għal raġunijiet ta' nuqqas ta' 'ekwivalenza' bejn is-sieħba reġistrati u ż-żwieġ (Artikolu 2(b)) skont il-liġi nazzjonali, u (ii) liema dokumentazzjoni għandha titqies bħala evidenza biżżejjed ta' relazzjoni dejjema skont l-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva***;
	Or. en

Emenda 51
Kinga Gál

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden ***lill-Istati*** Membri biex jimplimentaw b'mod sħiħ id-drittijiet mogħtija skont *l- Artikolu* 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, mhux biss lill-konjuġi ta' sess differenti, imma wkoll lil sieħba reġistrati, membri li jgħixu fl-istess dar u sieħba, inklużi koppji tal-istess sess u	2. Jistieden ***lil dawk l-Istati*** Membri ***li adottaw il-leġiżlazzjoni rilevanti*** biex jimplimentaw b'mod sħiħ id-drittijiet mogħtija skont *l-Artikolu* 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, mhux biss lill-konjuġi ta' sess differenti, imma wkoll lil sieħba reġistrati, membri li jgħixu fl-istess

irrispettivament *minn nazzjonalità*, fuq *bażi* tal-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku, l-ugwaljanza,in-nuqqas ta' *deskriminazzjoni*, id-dinjità, il-ħajja privata u tal-familja; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida stretti, barra minn hekk tirreferi għall-analiżi u l-konklużjonijiet imniżżla fir-rapport tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali;	dar u sieħba, inklużi koppji tal-istess sess ***jekk l-Istat Membru konċernat ikun adotta l-leġiżlazzjoni dwar sħubijiet tal-istess sess*** u irrispettivament *minn-nazzjonalità*, fuq *il-bażi* tal-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku, l-ugwaljanza, in-nuqqas ta' *diskriminazzjoni*, id-dinjità, il-ħajja privata u tal-familja; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida stretti, barra minn hekk tirreferi għall-analiżi u l-konklużjonijiet imniżżla fir-rapport tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali;
	Or. en

Emenda 52
Marco Cappato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri ***biex jimplimentaw b'mod sħiħ id-drittijiet mogħtija skont l- Artikolu 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, mhux biss lill-konjuġi ta' sess differenti, imma wkoll lil sieħba reġistrati, membri li jgħixu fl-istess dar u sieħba, inklużi koppji tal-istess sess u irrispettivament minn nazzjonalità, fuq bażi tal-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku, l-ugwaljanza,in-nuqqas ta' deskriminazzjoni, id-dinjità, il-ħajja privata u tal-familja; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida stretti, barra minn hekk tirreferi għall-analiżi u l-konklużjonijiet imniżżla fir-rapport tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali;***	2. Jistieden lill-Istati Membri ***biex jintroduċu riformi tal-liġi ċivili u tal-familja biex jippermettu li koppji tal-istess sess ukoll ikunu jistgħu jiżżewġu, jidħlu fi sħubija ċivili jew f'unjoni ċivili, fuq il-bażi tal-prinċipju tal-ugwaljanza u sabiex tingħeleb id-diskriminazzjoni minħabba l-orjentament sesswali, kif ukoll biex il-liġi ċivili u tal-familja tagħhom tagħraf iż-żwiġijiet u s-sħubijiet bejn konjuġi tal-istess sess li jkunu saru fi Stat Membru ieħor jew għall-inqas jippermettulhom jerġgħu jirreġistraw ir-relazzjoni tagħhom skont il-liġi tal-Istat Membru ospitanti;***
	Or. en

Emenda 53
Nicolae Vlad Popa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Artikolu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod sħiħ id-drittijiet mogħtija skont l- Artikolu 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, mhux biss lill-konjuġi ta' sess differenti, imma wkoll lil sieħba reġistrati, membri li jgħixu fl-istess dar u sieħba, inklużi koppji tal-istess sess u irrispettivament minn nazzjonalità, fuq bażi tal-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku, l-ugwaljanza,in-nuqqas ta' deskriminazzjoni, id-dinjità, il-ħajja privata u tal-familja; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida stretti, barra minn hekk tirreferi għall-analiżi u l-konklużjonijiet imniżżla fir-rapport tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali;	2. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod sħiħ id-drittijiet mogħtija skont l- Artikolu 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, mhux biss lill-konjuġi ta' sess differenti, imma wkoll lil sieħba reġistrati, membri li jgħixu fl-istess dar u sieħba, inklużi koppji tal-istess sess u irrispettivament minn nazzjonalità, fuq bażi tal-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku, l-ugwaljanza,in-nuqqas ta' deskriminazzjoni, id-dinjità, il-ħajja privata u tal-familja; ***jitlob lill-Istati Membri biex iżommu f'moħħhom li d-Direttiva timponi obbligu biex tiġi rikonoxxuta l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni (inklużi koppji tal-istess sess) mingħajr ma jiġi impost ir-rikonoxximent taż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess;*** f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni biex toħroġ linji gwida stretti, barra minn hekk tirreferi għall-analiżi u l-konklużjonijiet imniżżla fir-rapport tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali;

Or. en

Emenda 54
Roberta Angelilli, Mario Borghezio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
